

It-Tielet Stħarriġ Ewropew ta' Intrapriżi dwar Riskji Ġodda u Emerġenti (ESENER 2019)

Kif il-postijiet tax-xogħol Ewropej jimmaniġġjaw is-sikurezza u s-saħħa

Sommarju eżekuttiv

La l-aġenzija Ewropea u l-ebda persuna oħra li taġixxi f'isem l-Aġenzija mhija responsabbli għall-użu li jista' jsir mill-informazzjoni li ġejja.

© Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, 2023

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata bil-kondizzjoni li s-sors jiġi rikonoxxut.

Għal kwalunkwe użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew materjal ieħor li ma jaqax taħt id-drittijiet tal-awtur tal-EU-OSHA, għandu jinkiseb permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.

Aktar informazzjoni rigward l-Unjoni Ewropea tista' tinstab fuq l-Internet (<http://europa.eu>).

Traduzzjoni pprovduta miċ-Ċentru ta' Traduzzjoni (CdT, Lussemburgu), bbażata fuq test oriġinali bl-Ingliż.

Introduzzjoni

Filwaqt li jibni fuq iż-żewġ mewġiet preċedenti (2009 u 2014), it-tielet Stħarriġ Ewropew ta' Intrapriżi dwar Riskji Ġodda u Emerġenti (ESENER 2019) ġabar tveġibiet minn 45,420 stabbiliment tul il-klassijiet tad-daqs tan-negozju u s-setturi ta' attività kollha fi 33 pajjiż, li jinkludu l-UE-27 kif ukoll l-Iżlanda, il-Maċedonja ta' Fuq, in-Norveġja, is-Serbja, l-Iżvizzera u r-Renju Unit.

L-ESENER huwa stabbilit bħala għodda ewlenija ta' monitoraġġ għall-immaniġġjar tas-sikurezza u s-saħħa okkupazzjonali (OSH) fl-Ewropa. Huwa sors ta' għajjuna għal dawk li jfasslu l-politika fil-livell Ewropew u nazzjonali meta tkun meħtieġa evidenza ewlenija biex jiġi infurmat it-tfassil tal-politika jew l-approċċ għal aktar riċerka.¹

Dawn ir-riżultati jiġu ppubblikati fi żmien meta jkun hemm ftieġa importanti li jissaħħaħ l-approċċ għall-immaniġġjar tal-OSH. Il-pandemija tal-COVID-19 biddlet malajr l-ambjent tax-xogħol, u ftieġet evalwazzjoni mill-ġdid tar-riskji li l-ħaddiema jiffaċċjaw u l-adozzjoni ta' miżuri mfassla għal ċirkostanzi ġodda.

Filwaqt li r-riżultati ma jistgħux jiġu interpretati bħala indikazzjoni ċara tal-firxa tal-konformità legali, l-ESENER 2019 jipprovdi għarfien dwar il-passi u l-miżuri adottati biex jiġi żgurat ambjent tax-xogħol sikur fl-istabbilimenti. It-tveġibiet għall-istħarriġ jistgħu jitqiesu fil-kuntest tad-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (imsejħa wkoll bħala d-Direttiva Qafas Ewropea dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol²) u jappoġġjaw il-leġiżlazzjoni li għandha l-għan li tteġġeg l-introduzzjoni ta' miżuri biex itejbu l-OSH – filwaqt li jirrikonoxxu li r-regoli tal-OSH ivarjaw bejn il-pajjiżi, is-setturi u l-kategoriji tal-ħaddiema. F'konformità ma' dan, ir-riżultati tal-ESENER għandhom l-għan li jikkontribwixxu għall-approċċ Viżjoni Żero għall-imwiet relatati max-xogħol fl-UE³ billi jipprovdu *data* li tgħin biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni dwar ir-riskju u fl-aħħar mill-aħħar tappoġġja l-infurzar tar-regoli u l-linji gwida eżistenti.

L-approċċ u l-ambitu tal-ESENER 2019 huma allinjati l-aktar ma' dawk tal-ESENER 2014, billi jipprovdu l-opportunità li jitkejlu x-xejriet lonġitudinali. Għalhekk, ir-riżultati jgħinu biex jiġi enfasizzat kwalunkwe mudell li qed jinbidel maż-żmien f'oqsma ewlenin bħall-għarfien dwar ir-riskji għas-saħħa u s-sikurezza, l-immaniġġjar tal-OSH, inklużi r-riskji psikosoċjali, il-motivaturi tal-OSH u l-ostakli għall-OSH, u l-involviment tal-impjegati. Madankollu, l-ESENER 2019 ikompli jkopri xi suġġetti ġodda rilevanti għall-immaniġġjar tal-OSH: dawn jinkludu d-diġitalizzazzjoni, il-perċezzjonijiet tal-kwalità tas-servizzi preventivi esterni, u l-evalwazzjoni tal-aċċidenti jew tal-assenza minħabba l-mard.

Ir-rapport ta' ħarsa ġenerali tal-ESENER 2019 jiffoka fuq li jikkumplimenta l-evidenza mill-ESENER ma' sorsi ta' *data* primarji u sekondarji oħra. Dan jinkludi kapitli li jesploraw ir-rwol tal-leġiżlazzjoni fl-iżvilupp tal-immaniġġjar tal-OSH (kemm bħala motivatur kif ukoll ostaklu potenzjali) u l-impatt tal-parteċipazzjoni tal-impjegati fl-immaniġġjar tal-OSH. Sabiex isir dan, twettqu analiżi letterarja u stħarriġ ta' mmappjar legali biex tinġabar informazzjoni dwar il-karatteristiċi legali u ta' politika ewlenin introdotti fil-livell nazzjonali. Barra minn hekk, saru 11-il intervista ma' punti fokali tal-EU-OSHA⁴ biex jgħinu fl-interpretazzjoni tar-riżultati u jixħtu dawl fuq ir-rwol tal-leġiżlazzjoni bħala motivatur tal-konformità u ostaklu għaliha.

Barra minn hekk, ir-rapport ta' ħarsa ġenerali tal-ESENER 2019 isegwi l-approċċ meħud minn analiżijiet preċedenti tad-*data* tal-ESENER fit-tqabbil tar-riżultati skont il-pajjiż, is-settur u d-daqs tal-istabbiliment. Addizzjonalment, twettqu analiżijiet ta' rigressjoni biex jiġu esplorati fatturi li jipprevedu l-adozzjoni ta' miżuri ta' mmaniġġjar tal-OSH, billi tiġi vvalutata s-saħħa tar-relazzjonijiet bejn varjabbli differenti tal-ESENER. Kif mistenni, ir-riżultati jikkonfermaw li meta jiġu introdotti l-approċċi t-tajbin għall-immaniġġjar tal-OSH, l-istabbilimenti huma aktar probabbli li jieħdu passi biex jiżguraw ambjent tax-xogħol aktar sikur.

¹ Qafas Strateġiku tal-UE dwar is-Saħħa u s-Sikurezza fuq il-Post tax-Xogħol (2021–2027): <https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/12673-Health-&Safety-at-Work-EU-Strategic-Framework-2021-2027-en>

² Direttiva Qafas dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (Direttiva 89/391 KEE): <https://osha.europa.eu/da/legislation/directives/the-osh-framework-directive/1>

³ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/PDF/?uri=CELEX:52021DC0323&from=EN>

⁴ Punti fokali nazzjonali: <https://osha.europa.eu/en/about-eu-osha/national-focal-points>

Sejbiet ewlenin u indikaturi ta' politika

Is-sejbiet tal-ESENER juru diverġenza dwar l-enfasi fuq it-tipi differenti ta' riskji u l-miżuri adottati, li jistgħu jkunu marbuta ħafna mad-daqs tal-istabbiliment, is-settur tal-attività u l-pajjiż.

Ir-riżultati jenfasizzaw il-ħtieġa għal OSH aħjar, meta jitqiesu l-bidliet teknoloġiċi fl-ekonomija, l-enfasi dejjem akbar fuq l-importanza tal-ambjent tax-xogħol psikosoċjali fl-appoġġ tal-benesseri u l-produttività ġenerali, u fid-dawl tal-pandemija tal-COVID-19 li rriżultat fi Prattiki ta' ħidma ttrasformati, li wħud minnhom x'aktarx jibqgħu fis-seħħ. Barra minn hekk, ir-riskji madwar l-immaniġġjar tal-OSH x'aktarx li jintensifikaw, pereżempju, bit-tkabbir tal-ktajjen tal-provvista biex jinkludu organizzazzjonijiet iżgħar li għandhom Prattiki ta' xogħol u allokazzjoni tar-responsabbiltajiet komparattivament aktar informali, u l-introduzzjoni ta' mudelli ta' negozju ġodda.

Għal dak il-għan, huwa pertinenti li ssir riflessjoni dwar xi wħud mill-isfidi ewlenin identifikati. L-ESENER 2019 ikkonferma li r-riskji li potenzjalment jirriżultaw fl-MSDs huma fost l-aktar identifikati. "Movimenti ripetittivi tal-idejn jew tad-dirgħajn" u "ħin twil bilqiegħda" huma rikonoxxuti minn madwar 60 % tal-istabbilimenti – u dan ir-rikonoxximent qed jikber. Madankollu, paradossalment, l-użu ta' miżuri biex "jittejbu l-ħajjiet tax-xogħol", inkluża l-introduzzjoni ta' "tagħmir ergonomiku", naqas ftit bejn l-2014 u l-2019.

Analiżijiet multivarjati wrew li l-identifikazzjoni tar-riskji ta' sikurezza, ergonomiċi u kimiċi u l-użu tas-servizzi tal-OSH mill-istabbilimenti huma korrelatati. Dan jissuġġerixxi li l-livell ta' sensibilizzazzjoni tar-riskji jista' jissaħħaħ bl-użu ta' tali servizzi. L-identifikazzjoni tar-riskju titjeb ukoll jekk l-istabbilimenti jkunu ħatru rappreżentant tas-saħħa u s-sikurezza.

Indikatur ta' politika

Is-sensibilizzazzjoni dejjem akbar dwar is-saħħa u s-sikurezza u r-riskji ġodda u emerġenti tibqa' tkun meħtieġa, speċjalment fost l-intrapriżi mikro u żgħar (MSEs). Kumpaniji kbar jibbenefikaw minn sensibilizzazzjoni akbar dwar ir-riskji tal-OSH tal-katina tal-provvista tagħhom u r-relazzjoni tagħha mar-reputazzjoni tagħhom stess. Il-ħolqien ta' sensibilizzazzjoni dwar ir-riskji għandu jkun marbut mas-sinjallazzjoni ta' appoġġ u ma' eżempji ta' azzjonijiet konkreti li jistgħu jtaffu r-riskji. Ir-rabta tas-sensibilizzazzjoni dwar ir-riskju u l-immaniġġjar tal-OSH mal-obbligi legali rilevanti tista' tgħin biex jiġu promossi reazzjonijiet pożittivi. Is-sensibilizzazzjoni dwar ir-riskju tista' titjeb jekk ir-rappreżentanti tal-impjegati jkunu involuti f'attivitàjiet ta' mmaniġġjar tal-OSH u jiġi promoss l-involviment tal-ħaddiema.

Ir-riskji psikosoċjali, b'mod partikolari "il-ħtieġa li jiġu indirizzati kliġenti, pazjenti u studenti diffiċli", jibqgħu wkoll fattur ta' riskju ewleni għal ħafna stabbilimenti. Filwaqt li r-riżpondenti għall-ESENER jistgħu jikkunsidraw li "persuni esterni" huma l-aktar problema sinifikanti, il-metodi interni ta' ħidma huma ġeneralment inqas rikonoxxuti, pereżempju "ħinijiet tax-xogħol twal jew irregolari" u "komunikazzjoni jew kooperazzjoni dgħajfa fi ħdan l-organizzazzjoni".

L-istabbilimenti fl-UE-27 ma jidhrux li jagħtu prijorità lill-immaniġġjar tar-riskju psikosoċjali fis-sistemi ta' mmaniġġjar tal-OSH tagħhom. Bejn l-2014 u l-2019 ma kienx hemm żieda fil-miżuri għall-immaniġġjar tar-riskji psikosoċjali fil-postijiet tax-xogħol, bħar-riorganizzazzjoni tax-xogħol, jew interventi jekk jinħadmu sigħat twal iżżejjed. Madankollu, aktar postijiet tax-xogħol irrapportaw proċeduri biex jitrattaw il-bullying jew il-fastidju, b'każijiet possibbli ta' theddid, abbuż u attakki minn persuni esterni, kif ukoll pjanijiet ta' azzjoni biex jiġi evitat stress relatat max-xogħol.

L-analiżijiet multivarjati wrew li l-involviment tal-impjegati u l-obbligi legali bħala raġuni għall-immaniġġjar tal-OSH huma korrelatati ma' numru oġhla ta' riskji psikosoċjali rrapportati, li jikkonfermaw li daww iż-żewġ fatturi huma kruċjali fl-identifikazzjoni tar-riskju u fl-indirizzar ta' miżuri ta' mitigazzjoni. Ta' min jinnota li l-kuntest tal-pajjiż huwa kritiku fl-identifikazzjoni tar-riskji psikosoċjali, li juri l-importanza tal-oqfsa legali u l-kultura nazzjonali.

Indikatur ta' politika

L-istabbilimenti jibbenefikaw minn enfasi aktar b'saħħitha fuq l-ambjent tax-xogħol psikosoċjali. Fejn rilevanti, l-ispettorati tax-xogħol jista' jkollhom rwol fl-iżgurar tal-kopertura tal-ambjent tax-xogħol psikosoċjali matul iż-żjarat fl-istabbilimenti.

Pariri professjonali, l-inkoraġġiment tal-adozzjoni ta' miżuri ewlenin, u metodi ta' involviment tal-impjegati x'aktarx li jtejbu l-immaniġġjar tar-riskju psikosoċjali fl-istabbilimenti.

Ir-riżultati tal-ESENER 2019 jissuġġerixxu li d-Direttiva Qafas 89/391/KEE żammet il-pedamenti għall-immaniġġjar tal-OSH. Bħal fir-riżultati ta' mewġiet preċedenti, madwar tliet kwarti tal-istabbilimenti tal-UE-27 iwettqu valutazzjonijiet tar-riskju b'mod regolari. Dan jimplika li b'mod ġenerali l-approċċ huwa stabbilit sew u potenzjalment ipprova approċċ stabbli biex jiġi żgurat ambjent tax-xogħol aktar sikur.

Madankollu, filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-organizzazzjonijiet il-kbar iwettqu valutazzjonijiet tar-riskju b'mod regolari, l-organizzazzjonijiet iżgħar, speċjalment il-mikro-stabbilimenti, huma inqas probabbli li jagħmlu dan. L-użu ta' prattiki ta' mmaniġġjar tal-OSH inqas formalizzati f'organizzazzjonijiet iżgħar huwa komuni fir-riżultati tal-ESENER, u dan jissuġġerixxi li hemm modi alternattivi (f'xi każijiet, dgħufijiet) fl-immaniġġjar tal-ambjent tax-xogħol għal stabbilimenti ta' dan id-daqs.

Inevitabbilment, sa mit-tlestija tax-xogħol fil-post tal-ESENER 2019, tħassib ieħor huwa r-rispons possibbli tal-immaniġġjar tal-OSH għat-trasformazzjoni reċenti tal-ambjent tax-xogħol minħabba l-COVID-19, peress li kwart tal-kumpaniji rrapportaw li ma kinux qed iwettqu valutazzjonijiet tar-riskju b'mod regolari. Ir-raġuni ewlenija mogħtija għan-nuqqas ta' twettiq ta' valutazzjonijiet tar-riskju kienet li r-“riskji huma diġà magħrufa”: din kienet imsemmija l-aktar ta' spiss minn stabbilimenti f'setturi li qed jiffaċċjaw riskji serji ta' saħħa u sikurezza bħall-estrazzjoni u l-qtugħ ta' barrieri, u l-agrikoltura, is-sajd u l-forestrija. Barra minn hekk, ħafna valutazzjonijiet tar-riskju ma jkoprux kompletament il-postijiet tax-xogħol rilevanti kollha bħad-djar, u lanqas il-persuni kollha f'riskju minn perikli fl-ambjent tax-xogħol.

L-analiżi multivarjata wriet li l-opportunità għal valutazzjoni tar-riskju b'mod regolari tiżdied meta rappreżentant tas-saħħa u s-sikurezza jkun preżenti fl-istabbiliment. Sabiex tittejjeb il-kopertura tal-postijiet tax-xogħol fid-dar fil-valutazzjonijiet tar-riskju b'mod regolari, huwa importanti wkoll li l-impjegati jkunu involuti fl-implimentazzjoni tal-miżuri tal-OSH – dan juri li l-impjegati għandhom funzjoni ewlenija “minn isfel għal fuq” fl-iżgurar tal-kompletezza tal-attivitajiet ta' mmaniġġjar tal-OSH.

Indikatur ta' politika

Sabiex tittejjeb il-kultura tas-saħħa u s-sikurezza, l-enfasi trid tkun fuq stabbilimenti li ma jwettqux valutazzjonijiet tar-riskju b'mod regolari. L-isfida tal-kunċett li r-“riskji huma diġà magħrufa” hija essenzjali biex tinbidel l-imġiba.

Ir-rispons tal-OSH għall-COVID-19 għandu jintuża biex tiġi inkorporata aktar il-prattika ta' valutazzjonijiet tar-riskju b'mod regolari fl-organizzazzjonijiet, u biex jiġi żgurat li l-postijiet u l-persuni rilevanti kollha f'riskju jkunu fl-ambitu.

Is-suġġeriment primarju għat-titjib tal-immaniġġjar tal-OSH (bħall-kopertura tal-postijiet tax-xogħol kollha fil-valutazzjonijiet tar-riskju), huwa li jitwessa' l-involviment tal-impjegati, pereżempju permezz tal-preżenza ta' rappreżentanti tas-saħħa u s-sikurezza jew l-involviment tal-impjegati fit-tfassil ta' miżuri wara valutazzjonijiet tar-riskju.

Il-metodi tal-istabbilimenti tal-parteċipazzjoni tal-impjegati mhux biss jgħinu fl-identifikazzjoni tar-riskji, iżda jappoġġjaw ukoll l-adozzjoni ta' miżuri xierqa biex jittaffew ir-riskji.

Meta wieħed iqabbel mas-sejbiet ta' mewġiet preċedenti, l-ESENER 2019 wera li kien hemm inqas involviment mal-istituzzjonijiet pubbliċi fir-rigward tal-OSH. Dan jintwera permezz tat-tnaqqis fiż-żjarat tal-ispettorat fost l-UE-27, u fit-trattament mill-ġdid biex jinkisbu pariri mill-ispettorati u mill-istituzzjonijiet uffijjali tal-OSH. Nittamaw li, mill-pandemija tal-COVID-19 'l hawn, l-istabbilimenti ħadu vantaġġ mill-gwida aġġornata u minn appoġġ ieħor offrut mill-ispettorati u minn organizzazzjonijiet pubbliċi oħra.

Indikatur ta' politika

Ir-riżultati tal-ESENER 2019 huma rilevanti għad-diskussjonijiet ta' politika li jikkonċernaw l-ambitu futur tar-reġimi ta' spezzjoni. Ħafna organizzazzjonijiet ma jlestux il-valutazzjonijiet tar-riskju b'mod regolari, speċjalment l-MSEs, u s-setturi li jistgħu jitqiesu li għandhom riskji ta' "sikurezza baxxa" xi drabi jkunu inqas impenjati u jintroduċu inqas miżuri. Il-benefiċċji tal-għoti ta' pariri flimkien mal-kontrolli tal-konformità x'aktarx li jippromwovu l-identifikazzjoni tar-riskju u jrawmu kulturi ta' saħħa u sikurezza.

B'assigurazzjoni mill-ġdid, f'termini tal-livell ta' impenn muri fost l-UE-27, kien hemm żieda żgħira għal aktar minn 60 % fid-diskussjonijiet ta' mmaniġġjar superjuri dwar l-OSH, u għal madwar 70 % tal-istabbilimenti fejn il-kapijiet tat-timijiet jew il-maniġers intermedjarji jkomplu jirċievu taħriġ. Madankollu, huwa ta' tħassib li l-"persuni l-aktar infurmati dwar l-OSH" fi stabbilimenti kif magħżula għal intervista skont l-ESENER issa huma inqas probabbli li jirċievu taħriġ, u l-OSH tiġi diskussa regolarment f'laqgħat ta' tim f'madwar terz tal-istabbilimenti biss.

Analiżi multivarjata enfasizzat l-importanza tal-impenn tal-OSH. Id-diskussjoni regolari dwar kwistjonijiet ta' saħħa u sikurezza fil-livell ta' maniġment superjuri, kif ukoll it-taħriġ dwar l-immaniġġjar tas-saħħa u s-sikurezza fit-timijiet tagħhom meħud mill-kapijiet tat-timijiet u mill-maniġers intermedjarji huma relatati b'mod pożittiv mal-adozzjoni ta' Prattiki oħra tal-OSH, bħal valutazzjonijiet tar-riskju b'mod regolari u l-ħatra ta' rappreżentant tas-saħħa u s-sikurezza.

Indikatur ta' politika

L-impenn għall-OSH jeħtieġ li jissaħħaħ biex jittejjeb l-immaniġġjar ta' kuljum. Il-maniġment superjuri għandu jiġi involut f'modi li jistgħu jiżviluppaw kulturi ta' sikurezza aktar dinamiċi, pereżempju, permezz ta' diskussjonijiet b'mod regolari bejn it-tim dwar l-OSH. Hemm riskju li l-persuna li tkun taf l-aktar dwar l-OSH fl-istabbiliment issir inqas kwalifikata; il-promozzjoni tat-taħriġ ġeneralment teħtieġ li tiġi stabbilita ħafna aħjar.

Kif mistenni, it-teknoloġiji diġitali huma karatteristika ewlenija tal-post tax-xogħol tal-EU-27, b'86 % tal-kumpaniji jikkonfermaw l-użu ta' kompjuters personali f'postijiet tax-xogħol fissi, u 77 % tal-laptops. Għandu jiġi enfasizzat li hemm aktar teknoloġiji b'riskji potenzjali tal-OSH fl-użu (għalkemm b'mod ferm aktar baxx), bħal sistemi li jikkontrollaw il-kontenut jew ir-ritmu tax-xogħol, il-monitoraġġ tal-prestazzjoni tal-ħaddiema, u apparat li jintlibes u robots li jistgħu jinteraġixxu mal-ħaddiema. Dawn ix-xejriet fl-użu setgħu ma nqabdux bis-sħiħ mill-ESENER 2019, meta titqies it-tranżizzjoni rapida lejn ix-xogħol mid-dar u l-monitoraġġ mill-bogħod tal-persunal sa mill-pandemija tal-COVID-19 fl-2020.

Madankollu, fl-2019, madwar kwart tal-kumpaniji biss iddiskutew l-impatt tal-OSH ta' teknoloġiji bħal dawn fuq il-post tax-xogħol.

Indikatur ta' politika

Huwa ċar li l-immaniġġjar tal-OSH jeħtieġ li jżomm il-pass max-xejriet tad-diġitalizzazzjoni, minħabba r-riskji probabbli għall-ambjent tax-xogħol. Dan huwa pertinenti wkoll meta titqies it-tranżizzjoni sinifikanti lejn ix-xogħol mid-dar u l-adozzjoni ta' mudelli ġodda ta' negozju. B'mod ċar, is-servizzi, il-gwidi u l-ispezzjonijiet tal-OSH jista' jkollhom rwol li javżaw lill-istabbilimenti dwar id-dmirijiet tagħhom biex jiġi żgurat ambjent tax-xogħol sikur.

Analiżi multivarjata wriet ukoll li r-rappreżentanza tal-impjegati (rappreżentanti tas-saħħa u s-sikurezza) għandha rwol fid-diskussjoni tal-impatti possibbli tat-teknoloġiji diġitali. Għalhekk, l-involvement dirett tal-impjegati jista' jkun ukoll soluzzjoni tajba għall-immaniġġjar tar-riskji diġitali emerġenti.

Il-konformità mal-obbligi legali tal-OSH tista' tkun ta' sfida għal xi organizzazzjonijiet; il-kumplessità tar-regoli tal-OSH tqieset bħala ostaklu ewlieni fit-twettiq tad-dmirijiet tal-OSH għal madwar 40 % tal-istabbilimenti, iżda hemm differenzi notevoli fost il-pajjiżi.

Is-simplifikazzjoni tar-regoli tal-OSH tista' ma tkunx possibbli jekk tnaqqas il-possibbiltà li jiġu kkontrollati b'mod effettiv ir-riskji kollha fl-ambjent tax-xogħol. Għalhekk, hemm bżonn ta' soluzzjonijiet biex l-istabbilimenti jiġu appoġġjati ħalli jissodisfaw l-obbligi tagħhom, speċjalment l-organizzazzjonijiet mikro u żgħar. Fost affarijiet oħra, dan jista' jinkludi proċeduri ta' valutazzjoni tar-riskju online, gwidi, pariri dwar l-OSH u helplines.

Indikatur ta' politika

Il-metodi biex jiġi ffaċilitat l-immaniġġjar tal-OSH għandhom jitqiesu bħala kruċjali biex tingħata spinta lill-konformità, speċjalment għall-MSEs, pereżempju metodi online mfassla biex jippermettu lill-utenti jlestu l-valutazzjonijiet tar-riskju u jaġġornawhom kif meħtieġ, bħall [OiRA](#) (Valutazzjoni tar-Riskju Interattiva Online).

L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA)

hija impenjata li tagħmel lill-Ewropa post tax-xogħol aktar sikur, aktar f'saħħtu u aktar produttiv. L-Aġenzija tirriċerka, tiżviluppa u tqassam informazzjoni affidabbli, ibbilanċjata u imparzjali dwar is-sigurtà u s-saħħa u torganizza kampanji pan-Ewropej ta' sensibilizzazzjoni. Stabbilita mill-Unjoni Ewropea fl-1994 u bbażata f'Bilbao, Spanja, l-Aġenzija tlaqqa' flimkien rappreżentanti mill-Kummissjoni Ewropea, il-gvernijiet tal-Istati Membri, l-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi u tal-ħaddiema, kif ukoll l-esperti ewlenin f'kull wieħed mill-Istati Membri tal-UE u lil hinn minnhom.

L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol

Santiago de Compostela 12, 5th floor
48003 - Bilbao, Spanja
E-mail: information@osha.europa.eu
<http://osha.europa.eu>